VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,323, 10 ta' Ottubru, 2014
Taqsima B

A.L. 365 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Architecture – M.Arch. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Architecture – M.Arch.;

"l-Iskeda" tfisser il-lista tat-taqsimiet studju tematiċi u l-valur tal-kretti assenjati għalihom, li l-applikanti huma mistennija li jkunu għamlu bħala parti mill-programm tal-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Architecture – M.Arch.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad; u

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(1) (a) grad tal-ewwel ċiklu fil-Built Environment Studies minn din l-Università, miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(b) kwalifika meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, bħala komparabbli għall-kwalifika msemmija f'paragrafu (a) ta' dan l-ordinament. Id-dħul tal-applikanti skont dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultati ta' valutazzjoni kif il-Bord jista' jqis xieraq.

(2) Minbarra l-kwalifika ndikata fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, l-applikanti jkunu meħtieġa jissottomettu *transcript* tal-istudji li juri li matul il-grad tal-ewwel ċiklu, huma temmew b'suċċess in-numru minimu ta' kretti fit-taqsimiet studju tematiċi relattivi, kif indikat fl-Iskeda approvata mill-Bord,
sakemm li l-applikanti li bdew il-grad tal-ewwel ċiklu li jwassal għal kwalifika speċifikata fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament f'Ottubru 2011 jew f'Ottubru 2012 u li jonqoshom mhux aktar minn 4 kretti ECTS fit-taqsimiet studju tal-qasam tematiku rilevanti jistgħu jitħallew isegwu u jtemmu b'suċċess taqsimiet studju supplimentari biex ipattu għal dan in-nuqqas, flimkien mal-programm ta' studju speċifikat fl-ordinament 5.

(3) It-taqsimiet studju li jkunu ngħataw il-grad ta' Għadda b'Kumpens ma jkunux ikkunsidrati suffiċjenti għal dan il-għan,
sakemm li fid-diskrezzjoni tal-Bord, l-applikanti li jippreżentaw il-grad ta' Għadda b'Kumpens f'sa 4 kretti ECTS jistgħu jitħallew jidħlu fil-Kors suġġett għal kwalunkwe kondizzjonijiet li l-Bord jista' jimponi.

(4) It-taqsimiet studju li jkunu mitmuma b'suċċess matul perijodi ta' studju f'universitajiet barranin jistgħu jiġu offruti minflok it-taqsimiet studju mniżżla fl-Iskeda, suġġett għal konferma mill-Bord li dawn it-taqsimiet studju għandhom kontenut tematiku li huwa kompatibbli mal-Iskeda rilevanti, u li t-taqsimiet studju ippreżentati huma għall-anqas fl-istess livell tat-taqsimiet studju li qegħdin jissostitwixxu.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq erba' semestri ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programmi ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandhom ikunu magħmula minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li minnhom mhux anqas minn 40 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima studju tal-*Workshop* tal-Proġett Finali u tad-Dissertazzjoni. Il-programmi għandhom jinkludu taqsimiet studju miġbura f'temi (żewġ temi ewlenin li kull waħda tkun assenjata 25 krettu ECTS u tema waħda sekondarja li tkun assenjata 10 kretti ECTS), 15–il krettu ECTS assenjati għal *workshops* ibbażati fuq proġetti sinottiċi, u 5 kretti ECTS assenjati għal suġġetti obbligtorji komuni li jiffukaw fuq metodoloġiji għodod u ta' riċerka.

(2) Il-programmi ta' studju għandhom ikollhom partikolarment is-suġġetti tal-architectural design, il-history and theory of architecture, il-fine arts, l-urban design u plannin, l-environmental performances, il-construction process and costs, u l-istructural behaviour.

(3) Il-programmi ta' studju għandhom ikunu ppubblikati wara l-approvazzjoni tas-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

(4) Il-programmi għandhom ikunu offurti kif ġej:

M.Arch. (Architectural Design), li jinkludi taqsimiet studju tematiċi ewlenin fl-Architectural Design, u fl-Architectural Science and Technology, u taqsimiet studju tematiċi sekondarji fil-Managment Studies;

M.Arch. (Architecture and Urban Design), li jinkludi taqsimiet studju tematiċi ewlenin fl-Architectural Design, u fl-Urban Design, u taqsimiet studju tematiċi sekondarji fil-Management Studies; u

M.Arch. (Architecture and Conservation Studies), li jinkludi taqsimiet studju tematiċi ewlenin fl-Architectural Design, u fil-Conservation Studies, u taqsimiet studju tematiċi sekondarji fil-Management Studies.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa li jirtiraw mill-Kors.

Il-*Workshop* tal-Proġett Finali u d-Dissertazzjoni

7. L-istudenti huma meħtieġa jtemmu l-*Workshop* tal-Proġett Finali u jiktbu dissertazzjoni skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

8. (1) Ix-xogħol fuq il-*Workshop* tal-Proġett Finali għandu jsir fit-tielet u fir-raba' semestri tal-Kors. L-istudent ikunu assenjati għadd ta' superviżuri li għandhom jipprovdu gwida u pariri, b'konformità mat-temi ewlenin tal-*Workshop* tal-Proġett Finali.

(2) Il-*Workshop* tal-Proġett Finali għandu jinkludi proġett tad-disinn sinottiku, ippreżentat minn kull student permezz ta' tpinġija, dokumenti miktuba, materjal awdjo-viżiv u preżentazzjoni orali.

(3) It-tema tal-*Workshop* tal-Proġett Finali għandu jkun ippreżentat għall-approvazzjoni tal-Bord sad-data ndikata mill-Bord. Għall-*Workshop* tal-Proġett Finali l-istudenti jistgħu jaħdmu fuq temi simili, iżda huma jkunu meħtieġa jissottomettu għall-valutazzjoni proposti għal proġetti ndividwali.

9. (1) Id-dissertazzjoni għandha tkun ta' madwar 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord. Kull student għandu jkun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju.

(2) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sad-data ndikata mill-Bord.

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jkollhom kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, mhux inqas minn darba fix-xahar.

(2) L-istudenti għandhom jagħmlu preżentazzjonijiet *interim* f'nofs il-programm ta' studju kemm dwar id-Dissertazzjoni u tal-*Worshop* tal-Proġett Finali lill-Bord tal-Eżaminaturi rilevanti, biex ikun aċċertat li kull student qiegħed jagħmel progress sodisfaċenti. Wara dawn il-preżentazzjonijiet *interim*, rapport dwar il-progress tagħhom għandu jsir, li jista' jinkludi rakkomandazzjoni biex jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm ix-xogħol kif suppost; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk il-Bord jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.